MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KEVIN MOMPALAO

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 8/2013

**Paul u Sylvana konjugi Azzopardi**

**Vs**

**Noel Attard u b'digriet moghti fis-7 ta' Mejju 2013 gie kjamat in kawza Michael Zammit.**

**It-Tribunal:-**

Ra l-avviz tat-talba prezentat fil-hamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tighu l-atturi talbu illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn hames mija u tmienja u sittin ewro (€2568) eskluza t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, rapprezentanti bilanc ta' hlas ghal xoghol ta' tibjid u finishing esegwiti minn l-attur fil-fond 'Nirvana', Triq San Guzepp, Qala, Ghawdex. Bl-imghaxijiet u bl-ispejjes kif mitlub.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha ecepixxa illi t-talbiet ta' l-atturi huma infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex:-

(1) il-hlas kellu jsir minn certa Micahel Zammit u mhux mill-konvenut u skont l-konvenut dan il-hlas effettivament sar permezz ta’ cekkijiet; (2) talab illi dan Michael Zammit jigi kjamat in kawza.

Ra d-digriet tieghu tas- 7 ta’ Mejju 2013 li permezz tieghu Michael Zammit gie kjamat in kawza.

Ra’ r-risposta tal-kjamat in kawza Michael Zammit fejn effettivament dan irrisponda illi huwa ghadda l-hlasijiet lill-attur permezz ta’ cheques li hamsa minnhom ghal xi raguni ma gewx imsarfa. Informa illi kontestwalment mar-risposta huwa hallas dak dovut permezz ta’ cedola ta’ depozitu fil-Qorti; qal ghalhekk illli l-kawza saret intempestivament.

Ra’ in-nota tal-atturi tat-3 ta’ Ottubru 2013 li permezz taghha gie cedut il-mertu u nzamm ferm il-kap tal-ispejjes.

Sema x-xhieda bil-gurament u ra t-traskrizzjonijiet tal-istess xhieda; ra d-dokumenti kollha esebiti; ha konjizzjoni tal-bqija tal-atti processwali

Ra d-digriet tal-11 ta’ Dicembru 2013 li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi din is-sentenza titratta biss l-kap tal-ispejjes. Dan it-Tribunal ma ghandu l-ebda dubju illi l-atturi waslu sal-ghatba tal-Qorti, ghaliex verament ma kienux thallsu tal-bilanc li kellhom jiehdu. Mix-xhieda prodottua jirrizulta illi l-attturi kienu pacenzjuzi ferm u ghamlu minn kollox sabiex jithallsu qabel dawn il-proceduri. Daqshekk iehor dan it-Tribunal hu konvint illi l-konvenut kien jaf b’kull ma kien ghaddejj.

Jidher illi l-konvenut u l-kjamat in kawza qed jippruvaw jikkastigaw lill-atturi ghal gentilezza taghhom, agir li dan it-Tribunal jikkundanna. Hekk perezempju l-konvenut u kjamat in kawza qed jippruvaw jiehdu kapital mill-fatt illi meta l-attur mar isarraf cheque partikolari fil-bank li ghal

xi raguni ma ssarrafx hu ma nsistiex li dan jigi ttimbrat *'refer to drawer'*. Ezempju iehor huwa l-agir tal-konvenut li minkejja illi l-attur ikkuntenta li jithallas minn ghand haddiehor ghax-xoghol li ghamilu, sakemm l-konvenut jibqa ultimament responsabbli, dan qed jipprova jinterpreta dak li huwa carissimu fl-iskrittura tal-24 ta' Settembru 2011, kontra l-attur anke jekk dan huwa b'mod xejn konsan mal-ispirtu ta' dak il-ftehim.

F'din il-kawza dak mifthiem fl-24 ta' Settembru 2011, ghandu jholl u jorbot din il-kwistjoni kollha. Skont dak il-ftehim ir-relazzjoni guridika kellha tibqa dejjem mal-konvenut Attard; li allura kellu jkun hu ultimament responsabbli ghal hlasijiet.

Dan it-Tribunal jemmen illi l-hlassijiet ma sarux, u li c-cekkijiet rimanenti ma ssarfux mill-bank. Ir-raguni ma hijiex cara, izda dan it-Tribunal ma jistax ma josservax illi minkejja li saret talba lil Michael Zammit sabiex jesebixxi prova illi matul ix-xhar sussegwenti ghal dak ic-cekk kellu fondi sufficjenti fil-kont dan naqas minn li jgib tali prova u gab biss prova ghall-ewwel ghaxart ijiem. Lanqas jista jiskarta dan it-Tribunal il-mod kif xhed Michael Zammit u l-kompartament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda. Dan it-Tribunal cert illi kieku kien hemm rieda tajba, kienet x'kienet ir-raguni ghalfejn ic-cekkijiet ma ssarfux, il-konvenut jew il-kjamat in kawza kienu jhallsu u ma jistennewx sal-mument tal-kawza, specjalment meta kif xhed il-konvenut, l-attur kien qed jaghmel hafna pressjoni biex jithallas tant li kien anke qed icempel tlett darbiet fil-gimgha.

Il-konvenut li mieghu kienet ir-relazzjoni guridika kif definita anke bil-miktub kien il-persuna responsabbli ghall-hlas irrelattivament mill-pozizzjoni ta' Michael Zammit. Ghalhekk l-ispejjes tal-attur ser jigu allokati lill-konvenut.

Pero dan it-Tribunal ihoss illi l-kjamat fil-kawza Michael Zammit ghandu responsabilitajiet fil-konfront tal-konvenut. Kien hu li ma onorax dak mifthiem u li kieku onora dan, din il-kawza kienet tigi evitata. Ghalhekk il-kjamat fil-kawza ghandu jhallas parti minn l-ispejjes li ser jigu

allokati lil konvenut. B’dan illi dan it-Tribunal qed jaghmilha cara illi l-attur ghanu d-dritt illi jirreklama l-ispejjes tieghu minghand il-konvenut Attard biss; u l-konvenut Attard ikun tenut li jhallas dawk l-ispejjes lill-attur hu biss, irrelattivament jekk hu jkunx gabar il-parti li ser tigi allokata lil kjamat in kawza jew le. Din l-ispartizzjoni tal-ispejjes qed issir b’dan il-mod, u f’din il-kawza, sabiex tigi evitata l-pluralita tal-kawzi.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi:- jastjeni minn li jiehu konjizzjoni tal-mertu; jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tal-ispejjes kollha inkorsi minn l-attur. L-ispejjes inkorsi mill-konvenut ghandhom jithallsu nofshom minnu konvenut u nofshom mill-kjamat in kawza. Il-kajmat in kawza ghandu jbaghti l-ispejjes tieghu kif ukoll ghandu jirrifondi lura lil konvenut in-nofs tal-ispejjes li dan  huwa tenut li jhallas lill-attur skont din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------